Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Inferjuri

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Avviz Nru. 13/2016 MV

Carmel Mifsud

'Sacred Heart' Bingemma Street

Nadur - Ghawdex

Vs

Joseph Sultana

116, Triq Gnien Xibla,

Xaghra

**Illum 22 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-avviz registrat fir-Registru tal-Qorti, Ghawdex nhar id-9 ta' Awwissu 2016 li jaqra s-segwenti:

*Thallsu lill-attur l-ammont bilancjali dovut minkom jew min minnkom konvenuti fl-ammont ta' elf, disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmu (Euro 1,912.83) oltre t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin Euro u tnejn u disgin centezmu (Euro 345.92) ghal total ta' elfejn, mitejn u sebgha u sittin*

*Euro u sitta u sebghin centezmu (Euro 2,267.76) bilanc ta' prezz ta' xogholijiet u materjal li saru u gew kkunsinnjati lilkom u a benefficcju tieghek fi Triq Grunju, Nadur, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-tlestija tax-xogholijiet sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-ittra ufficjali ta' Frar 2016 kollha kontra il-konvenut li jibqa' minn issa stess imharrek ghas-subizzjoni*.[1]

Rat ir-risposta pprezentata mill-intimat nhar il-25 ta' Settembru 2016 fejn eccepixxa[2];

1. Illi in linea preliminari hemm l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris*, billi kompetenti huwa t-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex);

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut. L-attur m'ghandu ebda jedd li jitlob hlas ghal xoghol li ghamel hazin, b'nuqqas ta' hila, u ta' kaf kaf, u li ma esegwihx sew kif titlob l-arti u s-sengha. Li x-xoghol esegwit mill-attur sar hazin, b'nuqqas ta' hila, u ta' kaf kaf gie iddikjarat u konfermat mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet: 'Joseph Sultana vs Hayden Vella et' (Avviz Nru. 42/2013), li l-esponenti jitlob minn issa l-allegazzjoni tal-imsemmija att tal-kawza. Konsegwenza tax-xoghol hazin li sar

[1] A folion1. Wiehed irid jinnota li fl-ammont ta' VAT mitlub hemm diskrepanza. L-ammont reklamat bil- kliem u dak numeriku ma jaqblux.
[2] A folio7 tal-process.

mill-attur, il-konvenut baghta telf billi t-talba tieghu ghall-hlas tal-istess xoghol kienet giet michuda bl-ispejjez propju ghaliex ix-xoghol ma sarx sew u ma kien misthoqq ebda hlas tieghu.  Ix-xoghol kien gie subappaltat lill-attur mill-konvenut u bin-nuqqas ta' hila li wera l-attur f'dan ix-xoghol esegwit minnu kien hu stess li kkawza telf lill-esponenti li fl-ahhar mill-ahhar jrid ibaghtih hu wkoll u mhux biss l-esponenti.

Salv twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet,

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Din hija azzjoni ibbazata fuq pretensjoni ghall-hlas ta' total ta' elfejn u mitejn u sebgha u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€2,267.76) li

r-rikorrent ghamel kontra l-intimat dwar xoghol li tal-ewwel ghamel fuq ordni tal-intimat u li milli jidher ma jridx ihallsu.

L-intimat jallega li dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha, sar hazin u li r-rikorrent wera nuqqas ta' hila f'xogholu.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u l-Gurisprudenza Applikabbli**

Il-Qorti jidhrilha li qabel ma tinoltra fis-sustanza tal-vertenza ghandha l-ewwel u qabel kollha tindirizza b'mod dirett u efficjenti l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-intimat, ossija jekk din il-Qorti hix kompetenti *rationae valoris* u jekk fin-negattiv allura jkun it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar (Ghawdex) li ghandu, jew ahjar kellu, jkompli jisma' din il-vertenza.[3] Ma jiswiex li din l-eccezzjoni tigi irtirata minn min taha kif gara fil-kaz odjern waqt is-seduta tas- 26 ta' Ottubru 2016 minhabba li tali eccezzjoni hija ta' natura pubblika u ghandha titqajjem *ex officio* mill-Qorti[4] u tigi indirizzata mill-Qorti.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **JXG Limited (C 38816) vs Kent Selway et (Cit. Nru. 685/2013)** deciza fil-21 ta' Jannar 2014 per Onorevoli Imhallef Anna Felice tenniet illi:

*"Dawn il-Qrati jirritjenu illi:*

[3] Ara artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[4] Ara **Paul Borg vs Jane Vassallo**, Appell Civili Nru. 782/01 deciza mill-Qorti ta' l- Appell (Sede Inferjuri) fil- 15 ta' Dicembru 2003.

*"Huwa pacifikament assodat illi l-eccezzjoni tal-kompetenza "ratione materiae" jew "ratione valoris" hi ta' ordni pubbliku (Kollezz, Vol. XXIX pII p468; Vol XLI pI p382). Jinghad infatti illi tali eccezzjoni hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja l-kawza ma tkunx ta' kompetenza jew gurisdizzjoni tal-Qorti (Vol XXXIX pII p617) u inoltre, l-inkompetenza lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet ("Patrick Grixti Soler vs Vincent Sultana", Appell, 27 ta' Marzu 1981)." (sottolinejar tal-Qorti)".*

Infatti l-artikolu 774(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:

*774. Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, exofficio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha –*

*(b) meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta'dik il-qorti;*

**Ikkunsidrat:**

**Il-Kap 380 Att Dwar Tribunal Talbiet Zghar -tal-Ligijiet ta' Malta u b' mod specifiku l-artikolu 3 jaqra s-segwenti:**

*3.(1) Għandu jkun hemm Tribunal li jkun magħruf bħala t-Tribunal għal Talbiet Żgħar.(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal TalbietŻgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-*

*talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):*

*Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.*

*(3)(a) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.*

*(b) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.*

*(ċ) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien lijkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somomtal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*[5]

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 746 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra is-segwenti:

*Meta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tiddependi mill-valur tal-oġġett fil-kawża, għandhom jitħarsu r-regoli miġjubin fl-artikoli li ġejjin:*

[5] **Il-parametri gew mizjuza permezz tal-Att IV tal- 2016 li gie ippubblika fid- 19 ta' Jannar 2016 fil-Gazzetta tal-Gvern 19,523 fejn il-quantum tat-talbiet li seta' jisma' it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar zdiedu minn Ewro 3,494.06 ghal dawn li hemm presentement ta' Ewro 5,000.**

……………………………………………………………………………
……………………………………

Imbaghad l-artikolu 748 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata.*

Din il-Qorti tfakkar li l-komptenza tal-Qorti tiddependi mit-talba li jkun hemm quddiemha.[6]

Fis-sentenza **Kummissarju Elettorali Principali vs Godwin Zammit** (Cit. 2015/98/RPC) deciza mill-Prim' Awla fit-23 ta' Ottubru 2001 per Onorevoli Imhallef Raymond C. Pace intqal:

*Illi ghalhekk minn dan jidher li l-ammont ta' danni pretizi mill-attur huma in eccess tas-somma ta' Lm1,000 u allura t-talbiet attrici huma fil-kompetenza ta' din il-Qorti, u huwa mmaterjali ghall-fini ta' kompetenza jekk tali ammont huwa gustifikat jew le, stante li dak li jirradika l-kompetenza tal-Qorti huwa l-valur tat-talba jew talbiet attrici u mhux l-ammont eventwali li jista' jigi likwidat li jista' jirrizulta li huwa anqas mill-ammont rikjest u ghalhekk in vista ta' dan l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda stante li din il-Qorti*

[6] Ara f' dan is-sens id-decizjonijiet **Adrian u Josephine Chetcuti vs Raymond Vella** (Cit. Nru. 1165/2011) u **Pio Le Brun vs David Buhagiar** (Cit. Nru. 315/2011) decizi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi.

*hija kompetenti rationae valoris sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza anke ai termini tal-artikolu 748 (b) tal-Kap 12.*[7]

Imbaghad intqal fil-kawza **Albert Mamo et vs Rosalina Zammit** (Cit. Nru. 1391/00JRM) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef li:

*Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li jekk is-setgha ta' din il-Qorti tohrog minn imqar wahda mit-talbiet tal-atturi, allura xejn ma jkun jiswa li fit-talbiet l-ohrajn, mehuda individwalment, il-kompetenza tkun dik tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata [ara, per ezempju, s-sentenza tat-30 t'April, 1951, fil-kawza fl-ismijiet Vincenzo Carabott et vs Avukat Dottor John Gouder et noe, [Kollez. Vol: XXXV.ii.403];*

**Ikkunsidrat:**

**Il-Kaz in Ezami**

Illi abbraccjati l-principji aktar il-fuq enuncjati, xejn ma jghodd illi l-intimat irtira l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti u dan ghaliex il-kompetenza o meno tal-Qorti hija stabbilita mil-ligi, hija ta' ordni pubbliku u ma tistax tigi rinunzjata mill-partijiet.

Illi t-talba tar-rikorrenti hija cirkoskritta bl-ammont indikat fit-talba, ossija elfejn u mitejn u sebgha u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu

[7] Pagna 8. Sottolinejar tal-Qorti.

(€2,267.76c), inkluz il-VAT, xejn aktar u xejn anqas u allura t-talba kif dedotta zgur ma taqax fil-kompetenza ta’ din il-Qorti.[8]

Illi, konsegwentament din il-Qorti m’ghandha l-ebda triq ohra ghajr illi tiddikjara li mhix kompetenti li tiddeciedi dwar il-kaz in ezami.

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddikjara ruhha mhux kompetenti ratione valoris sabiex tiddeciedi dwar l-kaz in ezami u ai termini tal-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tibghat l-atti lir-Registratur tal-Qrati (Ghawdex) biex dan il-kaz jigi assenjat skont il-ligi lit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar (Ghawdex).**

**Spejjez ta’ dawn il-proceduri jinqasmu nofs bin-nofs, ladarba l-intimat ghazel li jirtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti.**

Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur

Magistrat

[8] Ara It-Talba 42/2013 fejn Joseph Sultana fittex lil konvenut Hayden Vella u Joseph Azzopardi fejn il-forum maghzul kien korrettament it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar. Inkartament roza fil-process.

Deputat Registratur.